MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 73/2004

Saviour u Anna konjugi Portelli bhala legittimi rapprezentanti ta' binthom minuri Paola Portelli .

Vs

Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni illi permezz taghha l-atturi wara li ppremettew illi Paola Portelli bint l-atturi twieldet f'Victoria, Ghawdex fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) u l-att tat-twelid taghha gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Ghawdex bin-numru progressiv mija u sebghin tas-sena elfejn u tnejn (170/2002)(Dok 'A') ;

Illi fl-istess att tat-twelid isem bint l-atturi gie mnizzel bi zvista bhala 'Poala' u dan nonostante illi l-udituri taghha riedu li isem binthom ikun 'Paola', kif effettivament tnizzel

fic-certifikat tal-Maghmudija mahrug mill-Parrocca tan-Nadur, Ghawdex (Dok ‘B’) ;

Illi l-atturi jridu illi isem binthom minuri ikun ‘Paola’ u mhux ‘Poala’ kif imnizzel bi zball fic-certifikat tar-Registru Pubbliku.

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :

1. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid mija u sebghin tas-sena elfejn u tnejn (170/2002) billi fil-kolonna “Isem u Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha” kif ukoll fil-kolonna “Ismijiet moghtija” l-isem ‘Poala’ jigi sostitwit bl-isem ‘Paola’ .

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ngunt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur nomine kkonfermata bil-gurament ta’ l-attrici Anna Portelli .

Rat ukoll id-dokumenti annessi ma’ l-istess citazzjoni, u cioe’ bhala dokument ‘A’ kopja tac-certifikat tat-twelid numru mija u sebghin tas-sena elfejn u tnejn (170/2002), u bhala dokument ‘B’ kopja tac-certifikat tal-maghmudija mahrug mill-parrocca tan-Nadur .

Rat ukoll id-degriet taghha tat-tlettax (13) ta’ Lulju tas-sena elfejn u erbgha (2004), li permezz tieghu awtorizzat lill-atturi jipprocedu b’din il-kawza bl-ghajnuna legali .

Rat ukoll ir-riferta pozittiva tal-konvenut direttur tar-Registru Pubbliku li ggib id-data tat-tnejn u ghoxrin ta’ Lulju sena elfejn u erbgha (2004) .

Semghet lill-attrici seduta stante tikkonferma l-kontenut tac-citazzjoni .

Il-Qorti, ghal hekk, u peress illi jidhrilha illi t-talba attrici hija gustifikata, tiddecidi l-kawza billi tilqa’ l-istess talba, u tordna l-korrezzjoni ta’ l-att tat-twelid mija u sebghin tas-sena elfejn u tnejn (170/2002) billi fil-kolonna “Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha” kif ukoll

fil-kolonna “Ismijiet moghtija” l-isem ‘Poala’ jigi sostitwit bl-isem ‘Paola’.

Minhabba n-natura ta’ din il-kawza ma ghandux ikun hemm spejjez .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------